**Tagħrif miġbur minn Winston L. Zammit**



# L-Iskola Primarja tal-Gudja (1860 - 2003)

Winston L. Zammit twieled f'Tas-Sliema fl-14 ta' Novembru 1950. Huwa rċieva l-edukazzjoni tiegħu f'*St. Joseph's Convent* Sliema (1955-1959) u fil-Kulleġġ San Alwiġi Birkirkara (1959-1966). Fl-1967 huwa daħal bħala student fil-*Junior College* tal-Università ta' Malta, u sena wara rreġistra bħala student fil-Fakultà tal-Arti, fl-Università ta' Malta, minn fejn iggradwa B.A. (Hons.) (1971) u M.A. (1975) fl-Istorja. Bejn Ottubru 1974 u Ġunju 1975 huwa għamel il-*Post-Graduate Course in Education* fil-*Malta College of Education*. Matul dawn l-aħħar 32 sena huwa għallem l-Istorja u l-Istudji Soċjali fl-iskejjel statali u preżentement għandu l-kariga ta' *Subject Co-ordinator* fl-Istorja, fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Attiv fil-volontarjat, huwa l-awtur ta' diversi kotba, *papers* u artikli b'rabta mal-Istorja ta' Malta.

## Il-Bidu tat-tagħlim fil-Gudja

L-Edukazzjoni tal-poplu inġenerali kienet ittraskurata fi żmien il-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann (1530-1798). Fil-Belt Valletta kien hemm il-kulleġġ tal-Ġiżwiti mwaqqaf fl-1592, li fl-1769 ġie mibdul fl-Università ta' Malta.[1] Fl-Imdina kien hemm l-iskola tal-Katidral[2] u skola oħra tal-Università (il-Gvern Muniċipali ta' dak iż-żmien).[3] Iżda kemm fl-ibliet ta' madwar il-port, kif ukoll fil-kampanja, ma kien hemm xejn stabbilit mill-Gvern għall-edukazzjoni tal-poplu.

Dan il-vojt kbir imtela biss minn diversi membri tal-kleru, li bejn l-1668 u l-1768 talbu u qalgħu l-permess mingħand l-Isqof biex jiftħu skola huma.[4] Fost dawn is-saċerdoti kien hemm is-saċerdot Gudjan Dun Ġwann Grech li għamel talba lill-Isqof Mons. Alpheran de Bussan biex iwaqqaf skola pubblika fir-raħal tal-Gudja; u fiha jgħallem il-grammatika "*ed altre lettere umane*". L-Isqof Alpheran tah il-permess meħtieġ fit-30 t'April 1735.[5] Ma nafux jekk fil-fatt din l-iskola fetħitx jew le. Jekk iva aktarx li kienet l-ewwel skola fir-raħal żgħir tal-Gudja.

## It-Twaqqif tal-Iskola Primarja (1860)

L-Ingliżi, bħall-Kavallieri, ma tawx kas tal-edukazzjoni tal-poplu inġenerali matul l-ewwel 40 sena tal-ħakma tagħhom. Fil-fatt minn *despatch* li l-Gvernatur bagħat f'Londra lis-Segretarju tal-Istat, bid-data tat-30 ta' Diċembru 1831, nafu li dawn kienu l-iskejjel li kien hawn fil-gżejjer Maltin:

- L-Università, li kienet megħjuna mill-Gvern
- *Normal Schools of Valletta* (dawn jidhru li kienu żewġ skejjel li għalihom il-Gvern kien joħroġ is-sussidju ta' 125 lira sterlina fis-sena)
- *Public Free School at Mdina* (megħjuna mill-Gvern)
- *Public Free School Żejtun* (miżmuma permezz ta' kontribuzzjonijiet volontarji)
- *Public Free School Gozo* (megħjuna mill-Gvern)
- Fl-Imdina kien hemm ukoll is-Seminarju tal-Isqof imwaqqaf fl-1703, li iżda kien intiż biss biex iħejji l-kjeriċi għas-Saċerdozju.[6]

Kien biss wara l-miġja tal-Kummissjoni Rjali (1836) li l-Gvern Kolonjali beda jinteressa ruħu fl-edukazzjoni tal-poplu bil-ftuħ ta' skejjel primarji f'diversi nħawi ta' Malta u Għawdex.[7]

Fl-1850, il-Gvernatur Sir Richard More O'Ferrall ħatar lir- Rev. Dun Pawl Pullicino bħala Direttur tal-Iskejjel Primarji f'Malta.[8] Huwa baqa' f'din il-kariga sakemm ingħata l-pensjoni fl-1880. Matul it-30 sena li dam f'din il-kariga huwa ħadem ħafna għat-tixrid tal-edukazzjoni f'Malta, tant li sakemm spiċċa kien hemm skola primarja kważi f'kull belt u raħal f' Malta.[9] Waħda mill-iskejjel Primarji li twaqqfet minn Dun Pawl Pullicino kienet dik tal-Gudja.

Insibu li l-Kunsill tal-Gvern, f'April 1860, ivvota somma ta' flus biex jiġu pprovduti l-bankijiet għall-iskejjel primarji l-ġodda tal-Gudja u ta' San Ġiljan.[10] L-Iskola Primarja tal-Gudja bdiet tiffunzjona f' Diċembru 1860[11] u kellha bħala Surmast lis-Sur Ġakkinu Bonnici Caruana[12] u bħala 'Sinjora' lis-Sinjorina Concetta Dimech.[13] Minn rapport tad-Direttur Pullicino, dwar in-numru ta' tfal li kienu jattendu l-Iskejjel Primarji f'Diċembru 1860, nafu li f'dak ix-xahar kien hemm fuq ir-reġistru tal-Iskola Primarja tal-Gudja 57 tifel u 87 tifla, li minnhom attendew 48 tifel u 79 tifla.[14]

## L-Iskola Primarja (1861 - 1920)

Minn rapport li sar dwar l-iskejjel primarji f'Diċembru tal-1874, nafu li n-numru ta' studenti fl-Iskola Primarja tal-Gudja kien ta' 80. Dawn kienu 32 tifel u 48 tifla, u kienu mqassmin hekk:[15]

| | Subien | Bniet |
|---|---|---|
| L-Ewwel Klassi | 17 | 38 |
| It-Tieni Klassi | 10 | 10 |
| It-Tielet Klassi | 5 | 0 |
| Ir-Raba' Klassi | 0 | 0 |
| | 32 | 48 |

Minn statistika tal-1910 nafu li f'Settembru ta' dik is-sena kien hemm 47 tifel u 39 tifla rreġistrati fl-Iskola Primarja, filwaqt li fl-*Infants' School*

kien hemm 13-il tifla.[16] Fis-sena skolastika 1911-1912 l-attendenza fl-Iskola Primarja tal-Gudja ġiet temporanjament affettwata bħal skejjel oħra f' Malta, mill-imxija tal-ħożba fix-xhur ta' Ottubru u Novembru 1911.[17]

## Il-Petizzjoni tan-nies tal-Gudja (1926)

L-Iskola Primarja tal-Gudja kienet tinsab f'dar fiċ-ċentru tar-raħal quddiem il-Kappella storika tal-Lunzjata; u fl-1921 in-numru ta' studenti li kienu jattendu fiha kien ta' 104.[18] Iżda sa l-1924 l-iskola kienet saret żgħira għall-ħtiġijiet tar-raħal. L-iskola kellha biss tliet klassijiet, *standards* I, II u III, u billi kien hemm biss ftit studenti għal *standards* IV u V, it-tfal kienu jmorru fl-iskola ta' Ħal Luqa.[19]

Kien qed jinħass il-bżonn li tinbena skola fir-raħal biex taqdi l-ħtiġijiet tiegħu, u billi dak iż-żmien il-Gvern Malti kien diġà bena jew kien qed jibni numru ta' skejjel f'diversi nħawi ta' Malta u Għawdex,[20] in-nies tar-raħal fl-1926 għamlu petizzjoni lill-Assemblea Leġislattiva, biex tibena skola fir-raħal tagħhom.

Fil-fatt nhar is-27 ta' Jannar 1926, il-Kurunell William Savona, li kien wieħed mir-rappreżentanti tal-Ħames Distrett Elettorali fl-Assemblea Leġislattiva, poġġa din il-petizzjoni, li kienet bl-Ingliż, fuq il-mejda tal-Kamra, u billi tagħti stampa ċara tal-qagħda tal-Iskola tal-Gudja, se nġibuha kelma b'kelma:[21]

L-iskola tal-Gudja kienet tirrifletti l-istat li fih kien jinsab ir-raħal tal-Gudja f'dak iż-żmien. Ir-raħal la kellu drenaġġ[22] u lanqas provvista tal-elettriku.[23] Għaldaqstant jidher li l-iskola kienet tinxtegħel bil-lampi tal-pitrolju.[24]

Fl-1926 insibu l-ewwel reġistru* eżistenti tal-iskola, li jissejjaħ *Log Book Gudia Boys*.[25] Dan jindika biċ-ċar li kien għad hemm żewġ skejjel separati dak iż-żmien. Iżda fl-istess *Log Book*, taħt id-data 15 ta' Settembru 1930, insibu mniżżel li "*Acting/Mistress took charge of the school*". [26] Din hija indikazzjoni ċara li ż-żewġ skejjel, tas-subien u tal-bniet, kienu qed jitmexxew minn Sinjora. Fil-fatt fit-tieni nofs tas-snin 30, insibu biss l-isem ta' Emmanuela Farrugia bħala Sinjora u ma nsibu l-ebda isem ta' Surmast.[27]

F'Ottubru tal-1931 sar xogħol ta' tibjid u żebgħa fl-iskola.[28] Xogħol ieħor fl-iskola jidher li sar f'Settembru 1938.[29] Fl-aħħar tas-snin tletin fl-iskola kien hemm ukoll il-*Headquarters* tal-i*Scouts* tal-Gudja.[30]

*To the Honourable the Speaker and*
*Members of the Legislative Assembly*
*of Malta in Parliament assembled.*
*The Humble Petition of the undersigned*
*inhabitants of the village of Gudia.*

*Respectfully Sheweth*

*That your Petitioners view with deep regret the backwardness of their children due to lack of instruction in the village school;*

*That the Teaching Staff of Gudia has been reduced to one Male Teacher, two Female Teachers and a Monitress, the Head Teacher having been transferred to Asciak, the Head Mistress and a Female Teacher to Luca, one Male Teacher compulsorily retired and the vacancy caused by the recent death of a Male Teacher not having been yet filled up;*

*That quite two thirds of the children borne on the School Books have been made to attend, much against their Parents' will, the Schools of Asciak, Luca and Tarxien distant 7, 10 and 12 furlongs respectively, entailing a journey twice daily under a boiling sun in summer and the inclemencies of the weather in winter, let alone the accidents that might be met with on the highroads.*

*Therefore your Petitioners - seeing that the proposal of the late Teacher to build a Class Room in the Garden of the Old School was not approved - that there are no suitable buildings in the Village that could be rented by Government to provide the extra accomodation required - humbly pray that your Honourable House will be pleased to move that a Vote for the building of a School to meet the requirements of the Village - as was done in the case of Asciak, Crendi, Micabiba and Zurrico - be inserted in the next Supplementary Estimate and thereby lessen the hardships of these poor children who, together with their parents - Your Humble Petitioners, as in duty bound will ever pray.*

*Gudia,*
*January 1926.*

*Rev. Nicholas Abdilla, Parish Priest,*
*and 103 other signatories.*

* Meta x-xoghol kien ghall-istampar nstab *Log Book* iehor li jkopri s-snin 1900-1921.

## It-Tieni Gwerra (1940 - 1943) u s-Snin ta' Wara

Fl-10 ta' Ġunju 1940 l-Italja ddikjarat il-gwerra kontra l-Ingilterra, u l-għada Malta daqet l-ewwel fost sensiela twila ta' ħbit mill-ajru. Malli bdew neżlin il-bombi, eluf ta' nies mill-inħawi tal-Port il-Kbir, telqu minn djarhom u fittxew il-kenn f'irħula 'l bogħod mill-periklu, fosthom il-Gudja.

Fost il-familji li fittxew il-kenn fir-raħal tal-Gudja kien hemm il-familja ta' Lawrence Mizzi mill-Birgu, li ħallielna t-tifkiriet tiegħu dwar il-Gujda f'dak iż-żmien, fil-ktieb "Dħaħen tal-Gwerra", li ġie ppublikat fl-1974. Matul iż-żmien li dam fil-Gudja, Lawrence Mizzi kien jattendi l-Iskola Primarja tar-raħal.

Malli bdiet il-gwerra, l-iskejjel fl-irħula bdew jintużaw biex jakkomodaw lir-refuġjati, u jidher li parti mill-iskola tal-Gudja ntużat għall-istess skop, għax il-klassi ta' Lawrence kienet fid-dar tal-Kappillan tar-raħal.[31]

Lawrence Mizzi għandu kliem ta' tifħir għall-Iskola Primarja tal-Gudja, li se nġibuh kelma b'kelma:

"Skola l-Gudja għamilt sentejn, u hawnhekk naħseb li x-xorti għenitni għax iż-żewġ għalliema li kelli kienu mill-aqwa. Miss Farrugia li kienet tgħallimni fit-*Third* kienet xempju ta' għalliema. It-tagħlim kien għaliha sejħa l-iżjed għolja. Kellha dak id-don rari li waqt li kont tkun taf li hi tħobbok u tixtieqlek il-ġid, kienet fl-istess ħin iġġiblek sudizzjoni. Ħadd ma kien jiċċajta magħha, lanqas l-aktar tifel ħaj li kien hemm fir-raħal. Il-klass kienet imħallta - subien u bniet, is-subien quddiem u l-bniet wara." [32]

"Minbarra l-lezzjonijiet normali, il-*Miss*, ta' veru għalliema, ma kenitx tonqos li żżommna nfurmati b'dak li kien qed jiġri fid-dinja dak iż-żmien. Għadni naraha, fuq mappa tal-Ewropa mifruxa fuq il-*blackboard*, turina fejn

kienu waslu l-Ġermaniżi fl-invażjoni tar-Russja." [33]

Sfortunatament fil-*Log Book* tal-iskola ma nkiteb xejn x'ġara bejn it-28 ta' Marzu 1940 u t-23 ta' Settembru 1940. Nafu biss li fit-23 ta' Settembru 1940 l-iskola reġgħet fetħet u nkiteb hekk fil-*Log Book: "School reopened in groups* (*Standard* I, *Standard* II, *Standard* III)".[34] Jidher li matul il-gwerra, *Standard* III kienet l-ogħla klassi tal-iskola. Għalhekk dawk it-tfal li riedu jkomplu l-iskola wara t-tielet klassi, kien ikollhom imorru Ħal Luqa.[35]

It-tagħlim kompla jsir minkejja l-ħbit aħrax mill-ajru u nafu li f' Jannar 1942, waqt ir-*raids* it-tfal kienu jinżlu għall-kenn f'erba' xelters.[36]

April tal-1942, ġie deskritt bħala l-agħar xahar tal-gwerra, u kien matul dan ix-xahar li l-iskola tal-Gudja daqet xi ftit mill-iebes tal-gwerra, kif jidher minn dawn in-noti fil-*Log Book*:

"10th April 1942 School closed owing to damage.
*13th April 1942 School reopened."*[37]

Dawn iż-żewġ noti huma indikazzjoni biċ-ċar li xi bombi li niżlu viċin tal-iskola kkaġunaw xi ħsarat fiha, u minħabba f'hekk għalqet għal tlett ijiem.

Kien tassew żmien ikrah għat-tfal tal-iskola għax minbarra l-attakki mill-ajru, l-biża' u l-ġuħ, kien hawn ukoll il-problema tal-i*scabies*, li minħabba fiha waqt l-*air raids* it-tfal bdew imorru mal-ġenituri tagħhom, minflok jibqgħu ma' sħabhom.[38] Il-problema tal-i*scabies* baqgħet tinħass meta l-iskola fetħet mill-ġdid fil-15 ta' Settembru 1942, tant li fil-*Log Book* inkiteb hekk: *"School opened. 59 children are absent owing to scabies"*. [39] Imbagħad fit-2 ta' Jannar 1943 l-iskola għalqet minħabba epidemija u fetħet fis-17 ta' Frar 1943.[40]

Wara li spiċċat il-gwerra, fis-snin 1945, 1947 u 1948, l-iskola kellha żjajjar minn tliet personalitajiet distinti li kienu l-Gvernatur Sir Edmund Schreiber (24 t'April 1945), l-Arċisqof Metropolitan Mons. Mikiel Gonzi (12 ta' Mejju 1947) u l-Ministru tal-Edukazzjoni Dr. Godwin Ganado LL.D (10 ta' Diċembru 1948).[41]



## Is-Sena Skolastika 1948 - 1949

Matul is-sena skolastika 1948-1949 seħħew numru ta' avvenimenti. F'Jannar 1949 beda jitqassam kuljum iż-żejt tal-ħuta lit-tfal, filwaqt li fit-2 ta' Mejju, permezz ta' żewġ settijiet tar-*Rediffusion* li twaħħlu fl-iskola, it-tfal semgħu għall-ewwel darba x-xandira għall-iskejjel. Bejn April u Mejju 1949, sar ukoll xogħol ta' tibjid u żebgħa fl-iskola.[42]

Iżda mingħajr ebda dubju l-aktar avveniment importanti tas-sena skolastika 1948-1949 kien meta, b'effett mill-21 ta' Frar 1949, l-*iStaff* tal-Iskola beda jieħu ħsieb jorganizza attivitajiet ta' wara l-ħin, bejn l-4.00 p.m. u l-4.30 p.m., kuljum, fuq ir-*roster* li jidher f'paġna 29, fuq.[43]

Minħabba nuqqas ta' spazju, fl-istess sena (1949) b'effett mis-7 ta' Ġunju, bi ftehim mal-Kappillan tal-Parroċċa Dun Anton Rapa, il-Kappella storika tal-Lunzjata li tinsab eżatt quddiem l-iskola, bdiet tintuża bħala klassi.[44]

## Il-Bini ta' Skola Ġdida (1951-1953)

Il-bżonn ta' bini ta' skola ġdida, li diġà kien inħass, kif rajna, fis-snin għoxrin, kien għadu hemm, tant li kif rajna fl-1949, waħda mill-klassijiet tal-iskola bdiet issir fil-Kappella storika tal-Lunzjata.

Ix-xewqa tal-Gudjani li jkollhom skola moderna fir-raħal tagħhom inqatgħet fl-1951. Nhar is-26 ta'April 1951 beda x-xogħol fuq il-bini tal-iskola l-ġdida. Għal din iċ-ċerimonja kienu preżenti l-Prim Ministru Dr. George Borg Olivier, li kien ukoll Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi, il-Ministru tal-Industrija u d-Direttur tal-Edukazzjoni.[45]

Sadanittant, sakemm inbniet l-iskola l-ġdida, it-tagħlim baqa' sejjer fl-iskola l-qadima u fil-Kappella tal-Lunzjata. Minn rapport li sar fit-22 t'Ottubru 1951, nafu li l-iskola kellha tmien klassijiet, iżda seba' għalliema biss. Sitt għalliema kienu jieħdu ħsieb klassi kull wieħed, filwaqt li għalliem jew għalliema kienu jieħdu ħsieb żewġ klassijiet.[46] Fl-istess xahar l-iskola sfat mgħarrqa wara x-xita li għamlet fis-17 u fit-18 t' Ottubru 1951.[47]

Fix-xahar ta' wara, fit-12 ta' Novembru, il-Gvernatur Sir Gerald Creasy għamel żjara fl-iskola. Huwa kien akkumpanjat minn Lady Creasy, u kienu wkoll preżenti l-Ministru tal-Edukazzjoni Dr. Fortunato Mizzi LL.D u s-Sur J.P. Vassallo, Direttur tal-Edukazzjoni. Għal din l-okkażjoni l-istudenti nġabru fil-bitħa tal-iskola. Kif wasal il-Gvernatur kantaw l-Innu "*God Save*" u wara kantaw innu ta' merħba. Wieħed mill-istudenti qara wkoll diskors ta' merħba.[48] Wieħed jinnota wkoll li matul is-sena skolastika 1951/1952, l-iskola diġà kellha t-tim tal-futbol tagħha.[49]

Kull mibdi mitmum. Fis-27 t'Ottubru 1952, waqt laqgħa tal-Assemblea Leġislattiva, il-Prim Ministru Dr. George Borg Olivier informa lill-Kamra li l-iskola tal-Gudja kienet kważi lesta. Ix-xogħol tal-ġebla kien tlesta kollu u x-xogħol tal-injam kien wasal fl-aħħar.[50]

F'April tas-sena ta' wara, 1953, il-Prim Ministru Borg Olivier informa lill-Assemblea Leġislattiva li f'dak ix-xahar l-iskola tal-Gudja kellha tkun lesta minn kollox. Fil-fatt fl-1 t'April 1953 inġarret l-għamara kollha mill-iskola l-qadima għall-iskola l-ġdida[51] u nhar id-9 t'April 1953, meta l-iskola reġgħet fetħet wara l-vaganzi tal-Għid, is-Surmast, l-għalliema, l-istudenti u l-*caretakers* żanżnu l-iskola l-ġdida.[52]

Fix-xhur ta' Mejju u Ġunju 1953, saru festi f'Malta fl-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni tar-Reġina Elizabetta II. F'din l-okkażjoni, nhar il-31 ta' Mejju 1953, 40 student mill-iskola tal-Gudja attendew għall-quddiesa li tqaddset mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi, u l-għada 16-il student mill-iskola tal-Gudja ħadu sehem fil-*march past* li saret fil-Belt Valletta fl-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni tar-Reġina.[53]

Sitt xhur wara, eżatt fl-1 ta' Diċembru 1953, saret iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni uffiċjali tal-iskola l-ġdida. Filgħodu tqaddset Quddiesa mid-Direttur Spiritwali tal-Iskola, il-Kan. Penitenzier Dun Ġużepp Bonnici, li fiha tqarbnu ħafna mit-tfal. Fl-10:30 a.m. l-Onor Dr. Carmelo Caruana LL.D, Ministru tal-Biedja u Sajd, għamel iċ-ċerimonja tal-ftuħ uffiċjali tal-iskola, li tbierket mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi. Għal din iċ-ċerimonja kienu

preżenti d-Direttur tal-Edukazzjoni J.P. Vassallo, il-Kappillan tal-Gudja Dun Ġerard Frendo, il-Kap tal-Iskola s-Sur William Hersey, l-għalliema, l-istudenti u rappreżentanti tal-Għaqdiet tal-Gudja. Il-kor tal-iskola, taħt id-direzzjoni ta' Miss Dalli, kanta l-Innu ta' Malta u l-Innu tal-Papa. F'din l-okkażjoni saru diskorsi mill-Ministru Caruana, l-Arċisqof Gonzi u d-Direttur Vassallo.[54]

| Ġurnata | Għalliem/a | Attivitajiet |
|---|---|---|
| It-Tnejn | Miss M. A. Azzopardi | *Choir Singing* |
| | Miss E. Azzopardi | *Qari, logħob u Letteratura Maltija* |
| It-Tlieta | Miss F. Spiteri | *Housecraft u Needlework* |
| | Mr. J. Bugeja | *Handwork / Games* |
| L-Erbgħa | Mr. J. Baldacchino | *Gardening, Bible Reading, Hygiene* |
| Il-Ħamis | Miss M. A. Sghendo | *Needlework* |
| Il-Ġimgħa | Miss C. Dalli | Drama |

## L-Iskola fis-Snin 50 u 60 tas-Seklu Għoxrin

Bil-bini l-ġdid, l-iskola issa setgħet tiffunzjona aħjar u t-tfal kellhom issa *playground* addattat. F'Jannar 1956 l-iskola ġiet ipprovduta wkoll b'palk.[55] Fl-istess sena l-iskola bdiet taqdi aħjar il-ħtiġijiet tal-komunità bil-ftuħ tal-Librerija ċirkulanti.[56] L-*isports* kompla jitkattar fost l-istudenti, għax fit-tieni nofs tas-snin ħamsin l-iskola, minbarra t-tim tal-futbol li fl-1955 ingħata l-*Good Conduct Trophy*,[57] issa kellha wkoll it-tim tan-netbol tal-bniet.[58]

F'Lulju tal-1957 saret Żjara Pastorali fl-iskola mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi.[59] Tliet snin wara eżatt, fit-13 ta'Lulju 1960, wara intervall ta' 48 sena, reġgħet saret iċ-ċerimonja tal-Għoti tal-Premjijiet, li dwarha s-Surmast kiteb hekk: *"As it was the first Prize day since 1912, it was something new. All parents cooperated. The prizes were bought by the teachers themselves. The Director of Education distributed the prizes and addressed the parents"*.[60]

Fl-istess xahar (Lulju 1960) f'Malta saru festi kbar b'tifkira tad-XIX-il Ċentinarju tan-Nawfraġju ta' San Pawl fostna. Għaldaqstant nhar it-23 ta' Lulju 1960, 50 student mill-Iskola Primarja tal-Gudja (25 tifel u 25 tifla) attendew fuq il-Fosos tal-Furjana għall-quddiesa li tqaddset mill-Kardinal William Godfrey, Arċisqof ta' Westminster.[61]

Fis-sena skolastika 1960/1961 fl-iskola kienu jattendu 367 student, iżda sas-sena skolastika ta' wara, in-numru ta' studenti kien naqas għal 335.[62] Fil-Milied tas-sena 1961 saret kompetizzjoni għall-aħjar presepju u saret ukoll purċissjoni bil-Bambin fil-bitħa tal-iskola.[63]

F'rapport li sar dwar l-iskola li jġib id-data tal-25 ta' Ġunju 1963, insibu li l-iskola kellha b'kollox 17-il klassi u li fiha kienu jattendu 347 student. Minbarra s-Surmast kien hemm 17-il għalliem (3 irġiel u 14-il mara).[64]

F'Settembru tas-sena ta' wara (1964) saru festi kbar fl-okkażjoni tal-kisba tal-Indipendenza. F'din l-okkażjoni, nhar it-23 ta' Settembru 1964, sar *rally* kbir għat-tfal tal-iskejjel kollha fl-Arena tal-Indipendenza l-Furjana li għalih attenda l-Prim Ministru Dr. George Borg Olivier. Għal din l-attività attendew l-għalliema kollha u 80 student mill-Iskola Primarja tal-Gudja.[65] Tliet snin wara, fl-istess Arena, f'Novembru 1967 sar *rally* kbir ieħor għat-tfal tal-iskejjel, fl-okkażjoni taż-żjara f'Malta tar-Reġina Eliżabetta II. Għal din l-attività, li għaliha kienet preżenti wkoll l-istess Reġina, attendew 40 tifel u 88 tifla mill-Iskola Primarja tal-Gudja.[66]

Sena wara fl-1968, is-Surmast beda jkollu l-għajnuna fit-tmexxija tal-iskola. Dan seħħ meta l-għalliema anzjana s-Sinjorina M.Assunta Sghendo ngħatat *"post of special responsibility"* billi ġiet inkarigata biex tieħu ħsieb is-sezzjoni tal-bniet u tal-*infants*.[67]

## L-Iskola fis-Snin 70, 80 u 90 tas-Seklu Għoxrin

F'Settembru tal-1970, l-iskola sekondarja saret obbligatorja għat-tfal kollha sa l-età ta' 14-il sena. Għal dan il-għan infetħu numru ta' skejjel sekondarji f'diversi nħawi ta' Malta u Għawdex. Din il-miżura ħalliet l-effett tagħha fuq l-iskejjel primarji kollha, peress li spiċċaw żewġ klassijiet (standard V u standard VI); u t-tfal ta' dawn il-klassijiet bdew imorru kollha fl-iskejjel sekondarji. Minħabba f'hekk, in-numru ta' klassijiet fl-Iskola Primarja tal-Gudja issa niżel għal 9,[68] u meta reġgħet fetħet l-iskola sentejn wara għas-sena skolastika 1972/1973, in-numru ta' klassijiet kompla niżel għal sitta.[69]

F'Ottubru tal-1975 infetħet l-ewwel klassi tal-*Kindergarten*, b'19-il tifel u tifla.[70]

Matul is-sena skolastika 1977/1978, biex jitfakkar Jum ir-Repubblika, saret esibizzjoni fl-iskola li ġiet inawgurata nhar id-9 ta' Diċembru 1977 mill-Onor. John Dalli M.P. u ġiet imbierka mill-Kappillan tar-raħal il-Kan. Dun Vinċenz Balzan.[71] F'Mejju tas-sena ta' wara (1978) l-iskola kellha żjara mill-Arċisqof Mons. Ġ. Mercieca.[72] Fl-istess sena skolastika 1977/1978, eżattament fit-13 ta' Frar 1978, bdiet issir il-*Mid-Day Break Supervision* għal xi tfal li kienu joqogħdu 'l bogħod mill-iskola[73] u fis-sena skolastika ta' wara, 1979/1980, twaqqfet l-Assoċjazzjoni Ġenituri-Għalliema.[74]

Fis-sena skolastika 1981/1982 żdiedu s-servizzi li l-Iskola Primarja kienet tagħti lill-komunità lokali tal-Gudja. Sa mis-snin '70, it-tim lokali tal-futbol *Gudja United* kellu l-permess li jagħmel użu mill-*grounds* tal-iskola filgħaxija għat-taħriġ.[75] Fl-1 ta' Ġunju 1982 il-Ministru tal-Edukazzjoni Dr. Philip Muscat inawgura Librerija Pubblika ġewwa l-iskola.[76] Fis-sena skolastika 1983/1984, eżattament nhar il-festa tal-Kunċizzjoni (8 ta' Diċembru), saret iċ-ċerimonja tat-tberik tal-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes, fil-bitħa tal-iskola.[77] Fl-aħħar tas-snin '80, eżatt fl-1988, saret għall-ewwel darba l-elezzjoni għall-Kunsill tal-Iskola u l-ewwel laqgħa tal-Kunsill saret fit-2 ta' Frar 1989.[78]

Fis-snin '90, bdiet issir *Book Fair* ġewwa l-iskola, u fl-aħħar għaxar snin tat-tieni millenju, żdied l-i*staff* amministrattiv bil-ħatra ta' Assistent Kap u *part-time clerk*.[79] Kien ukoll fis-snin '90 li l-iskola ngħatat l-isem ta' *"William Baker"*, għall-perit li ddisinja t-tielet kampnar tal-Knisja Parrokkjali tal-Gudja.[80] Ta' min jgħid li l-palk li kien intrama fis-snin ħamsin kellu jitneħħa minħabba l-ħtieġa ta' iżjed klassijiet. Il-*partitions* li kien hemm bejn il-klassijiet li kienu jintużaw bħala 'sala' tneħħew ukoll u saru ħitan diviżorji tal-ġebel.

## Fil-Millennju l-Ġdid

Fis-sena 2002 saru xogħlijiet importanti fl-iskola. Permezz tal-Fondazzjoni Għall-Iskejjel ta' Għada; inżebgħu l-klassijiet u l-kurituri kollha, u permezz tal-M.I.T.T.S. il-*computer network* ġiet estiża għal diversi klassijiet u għall-uffiċju tal-Kap tal-Iskola.[81]

Wasalna fis-sena skolastika 2003/2004, li fil-bidu tagħha l-Iskola Primarja tal-Gudja qed tfakkar il-Ħamsin Anniversarju tal-Ftuħ Uffiċjali tagħha (Diċ. 1953 - Diċ. 2003). F'din is-sena skolastika l-iskola għandha disa' klassijiet tal-primarja u erba' klassijiet tal-*Kindergarten*. Il-klassijiet kollha tal-primarja għandhom is-servizz tal-kompjuter. L-iskola għad m'għandhiex sala, iżda hemm il-ħsieb li fil-futur qarib tinbena *multi-purpose hall* li mhux biss taqdi l-ħtiġijiet tal-iskola iżda anki dawk tal-komunità tar-raħal tal-Gudja.

L-Iskola Primarja qiegħda taqdi l-ħtiġijiet tar-raħal mhux biss billi permezz tal-i*staff* kollu tal-iskola tipprovdi l-edukazzjoni lit-tfal tar-raħal, iżda wkoll billi tipprovdi servizz ta' Librerija li issa qed titmexxa mill-Kunsill Lokali. Din is-sena l-iskola se tkompli testendi s-servizzi tagħha lill-komunità lokali billi ġiet magħżula mill-Fondazzjoni Għas-Servizzi Edukattivi biex tipprovdi servizz wara l-ħin normali tal-iskola permezz ta' żewġ proġetti, "Id f'Id" u "Ħilti" li se jinvolvu lill-istudenti u lill-ġenituri tagħhom.[82]

**Noti:**

1 A.P. Vella, *University of Malta* (Malta 1969), pp. 8, 34.
2 A. Bonnici, *History of the Church in Malta*, Vol. I (Malta 1967) p.129.
3 Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
4 V. Borg, *Developments in Education outside the Jesuit "Collegium Melitense"*, in Melita Historica, Vol. VI, No 3 (1974), pp. 215, 254.
5 V. Borg, op. cit., p.243. J. Abela, "*Dun Ġwann Grech u l-Ewwel Skola fil-Gudja*", Fuljett Parrokkjali Gudja, Programm tal-Festa ta' Santa Marija, Awissu 2003.
6 *N(ational) A(rchives) M(alta) Duplicate Despatches* to (1831) Gov. OI 2/8 ff. 593r. 594v.
7 J.J. Camilleri, *"Early Government Schools in Malta"*, Melita Historica, Vol. V, no. 3 (1970)
8 M(alta) G(ovt) G(azzette) 24 - V - 1850
9 M. Galea, *Mons Dr. Paolo Pullicino (1815 - 1890)*, (Malta 1991), pp.3,5,6.
10 M.G.G. 11 -V- 1860, p.120
11 N.A.M., L.G.O. *Le Marchant*, Vol. 39, no. 5721.
12 M.G.G., 30 - XI - 1860, p.273. Il-ħatra tiegħu kienet b'effett mill-1 ta' Diċembru 1860.
13 M.G.G., 11 - XI - 1860, p.281
14 N.A.M., L.G.O. *Le Marchant*, Vol. 39, no. 5721.
15 N.A.M., L.G.O., *Straubenzee*, Vol, 49, no. 7298
16 *Reports on the Working of the Govt. Depts* (1910 - 1911) (Malta 1911) M 36
17 Ibid., (Malta 1913) M II
18 *Malta Blue Book*, 1921, q2, q3.
19 *D(ebates) of the L(egislative) A(ssembly)*. Vol 9, Session 17 - XI - 1924 p.1453.
20 Fis-sena Finanzjarja 1921/1922, il-Gvern kompla l-bini tal-Iskejjel Primarji tal-Ħamrun u Ħal Għaxaq (*Report on the Working of the Govt. Depts.*, Malta 1923/ q 3). Fis-sena finanzjarja 1922/1923 tkompliet l-Iskola tal-Ħamrun u bdew jinbnew l-Iskejjel tal-Marsa, l-Imġarr u Kerċem f'Għawdex (ara M.G.G., 30 - XI - 1923 *Supplement* LIV p.621. Fis-sena finanzjarja 1923/1924 tlestiet l-Iskola ta' Kerċem u dik tal-Imġarr bdiet tintuża, filwaqt li kważi tlestew minn kollox l-Iskejjel tal-Marsa u tal-Ħamrun (ara M.G.G. *Supplement* no XIV, 29 - VIII - 1921, pp. 1,2).
21 D.L.A., Vol. 12, Session 27 - 1 - 1926, p.4803.
22 Minħabba f'hekk lanqas l-iskola ma kellha drenaġġ; għaldaqstant kull tant żmien il-Kap tal-Iskola kien jirrapporta li l-fossa tal-iskola kienet mimlija u kienet titbattal. Ara *G(udja) P(rimary) S(chool) Log Book* n. 1, pp.1,4,5.
23 Il-provvista tal-elettriku twasslet fir-raħal tal-Gudja fis-sena finanzjarja 1936/1937 (*Reports on the workings of the Govt. Depts.* 1936/1937, p.396).
24 Dan joħroġ mill-fatt li tliet darbiet kull sena, il-Kap tal-Iskola kien jagħmel *requisition* għall-pitrolju, u kull darba kien jingħata erba' galluni. Ara *G.P.S. Log Book* n.1, pp.3,4,5.
25 Dan il-*Log Book* jibda fis-16 ta' Diċembru 1926.
26 *G.P.S. Log Book* n.1, p.7.
27 *Guida Generale di Malta e Gozo*, 1935 - 1936, p.95; 1937-1938, p.82; 1939-1940, p.83. Matul dawn is-snin l-iskola tmexxiet minn Emmanuela Farrugia bħala *Acting Head*.
28 *G.P.S. Log Book* n.1, p.8
29 Ibid., p.23.
30 Ibid., p.21. Il-*Group Scout Master* kien is-Sur J. Sacco.
31 L. Mizzi, *Dħaħen tal-Gwerra*, KKM No 36 (Malta 1974) p.38.
32 Ibid.
33 Ibid., p.39. L-imsemmija Miss Giovanna Farrugia kienet ġiet trasferita minn B'Kara għall-Iskola Primarja tal-Gudja fit-28 - X - 1940 u b'effett mit-18 - X - 1943 kienet responsabbli mill-klassi ta' filgħaxija. B'effett mis-17 - XII - 1948 ġiet trasferita għall-Iskola Primarja tal-Bniet f' Ħal Tarxien. Ara *G.P.S. Log Book* n.1, pp.26, 31, 47.
34 *G.P.S. Log Book* n.1, p.26.
35 L. Mizzi, op. cit. p.40
36 *G.P.S. Log Book* n.1, p.28
37 Ibid., p.29
38 Ibid.
39 Ibid.
40 Ibid., p.30.
41 Ibid., pp.35, 41, 47.
42 Ibid., pp. 57, 58, 59.
43 Ibid., p. 52
44 Ibid., p.62. L-imsemmi Dun Anton Rapa kien Kappillan tal-Parroċċa tal-Gudja bejn l-1942 u l-1952.
45 *G.P.S. Log Book* n.1, p.101
46 Ibid., p.111.
47 Ibid., p. 110.
48 Ibid., p. 113.
49 Ibid., p. 121.
50 Il-Berqa, 29 - X - 1952.
51 Il-Berqa, 2 - V - 1953, *G.P.S. Log Book* n.1, p. 152.
52 *G.P.S. Log Book* n.1, p.152
53 Ibid., p.156.
54 *G.P.S. Log Book* n.1, pp. 166,167. Il-Berqa, 2 - XII - 1953. Fl-okkażjoni tal-Ftuħ Uffiċjali ta' l-Iskola, sar riċeviment u l-ispiża tiegħu telgħet għal 9 liri u nofs. Intefqu wkoll 5s 3d (ħames xelini u tliet soldi) biex inxtrat iż-żigarella li naturalment intużat biex tiġi inawgurata l-iskola (*G.P.S. Log Book* n.1, p.169).
55 *G.P.S. Log Book* n.2, p.39.
56 Ibid., p.57.
57 Ibid., p.18.
58 Ibid., p.51.
59 Ibid., p. 104.
60 Ibid., p. 234.
61 Ibid.
62 Ibid., pp. 242, 257.
63 Ibid., p.252.
64 Ibid., p.289.
65 Ibid., p.313.
66 *G.P.S. Log Book* n.3, p.57.
67 Ibid., p.91.
68 Ibid., p. 147.
69 Ibid., pp 185, 186. Meta reġgħet fetħet l-iskola fis-16 - IX - 1974 kien hemm ukoll sitt klassijiet biss. Ara *G.P.S. Log Book* n.3, p.210.
70 G.P.S. *Log Book* No. 4 p.1,3 l-ewwel *kindergarten assistants* Miss Lilian Cassar u Miss Jane Tonna.
71 *G.P.S. Log Book* n.4, p.31.
72 Ibid., p.37.
73 Ibid., p.44.
74 Ibid., p.58.
75 Ibid., p.20.
76 Ibid., p.87.
77 Ibid., p.103.
78 Ibid., p.129.
79 Ibid., pp. 155, 157, 158.
80 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.
81 *G.P.S. Log Book* n.4, p. 181.
82 Tagħrif mgħoddi lili mis-Surmast ta' l-Iskola, Lulju 2003.